# ĦAL LUQA

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**It-TMIEN' KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 6 – IT-TNEJN 9 TA' DIĊEMBRU 2019**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi 174, Triq il-Ġdida, Luqa It-Tnejn 9 ta' Diċembru 2019 fis-17:30pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | John Schembri | Sindku |
| | Kearon Bruno | Viċi Sindku |
| | Eric Camilleri | Kunsillier |
| | Frederick Aquilina | Kunsillier |
| | Victor Caruana | Kunsillier |
| | Lucia Massa | Kunsillier |
| Skużat | Donald Cassar | Kunsillier |
| Uffiċċjali Preżenti | Michael Portelli | Segretarju Eżekuttiv |

## 1. QARI TAL-ITTRI TAL-APOLOĠIJA

1.1 Is-Sindku semma li l-Kunsillier Donald Cassar kien jinsab indispost minħabba każ ta' saħħa.

## 2. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

2.1. Il-minuti ġew ipproponuti mill-Kunsilliera Massa u ssekondati mis-Sindku.

## 3. KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

3.1. Is-Sindku informa li konna irċevejna l-invit biex inmorru għall awgurju tal-President u l-Arċisqof minn naħa tal-AKL.

3.2 Is-Sindku informa li kellna email minn naħa tar-Reġjun fuq inizjattiva flimkien m' Ambjent Malta biex jipprovdu assistenza lill-Kunsilli Lokali. Huwa qal lis-Segretarju biex jinforma lir-Reġjun li aħna interessati.

3.3 Is-Sindku semma li konna irċevejna stedina biex nattendu għall konferenza dwar il-proġett Europe for Citizens Progrmme li jirrigwarda twinnings.

3.4 Is-Sindku qara email li kienet tistieden lil dawk il-Kunsilliera Żgħażagħ biex għas sena d-dieħla huma jattendu għall Kungress Ewropew li kien ser issir f' Marzu u Ottubru tas-sena 2020.

3.5 Is-Sindku ressaq invit minn naħa tal-AKL fuq gathering għall Kunsilliera li kien ser issir fl-okkażżjoni tal-Milied, il-Ġimgħa 27 ta' Diċembru ġewwa l-Fortress Builders.

## 4. TWEĠIBIET GĦALL MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERA

4.1 Il-Kunsillier Caruana saqsa kif konna bqajna fuq il-bollards li kellhom isiru quddiem il-MUSEUM. Is-Sindku qal li huwa kien diġà informa lill-kuntrattur biex dawn jagħmilhom.

4.2 Il-Kunsillier Caruana semma li kien hemm Reserved Parking fi Triq il-Ġdida li ġie faded. Is-Sindku qallu biex kif ikun il-bnazzi se jkun qiegħed mal-ħaddiema biex jiffriskaw iż-żebgħa.

4.3 Il-Kunsillier Massa qalet li kien hemm disabled parking fi Triq San Ġorġ li min kien qed jagħmel użu minnu kien qed iħalli bricks fin-nofs.

4.4 Il-Kunsillier Caruana qal li għandna ngħidu lill-ħaddiema biex mal-ewwel ċans inaddfu l-gradilja ta' Triq il-Karmnu peress li din kien qed jinġabar il-karti fuq il-wiċċ tagħha.

4.5 Il-Kunsillier Caruana qal li it-tabelli li hemm maġenb l-Iskola bil-ħinijiet tal-egħluq kienu laxki, biex il-ħaddiema jieħdu ħsieb jirranġawhom.

4.6 Il-Kunsillier Caruana saqsa fuq l-unloading bay fi Triq ir-Rixtellu għaliex sar. Is-Sindku qallu li jaqbel li dan inħalluh hemm għaliex qed ikun hawn diversi problemi ta' parkeġġ għall dawk li jkunu jridu jħottu.

4.7 Il-Kunsillier Caruana qal li kienu tneħħew xi bankijiet minn maġenb il-Knisja u għaliex sar hekk. Is-Sindku qallu li hawn kien ser issir ix-xogħol tar-resurfacing ta' Triq id-9 t' April u kien infurmat l-aħħar ħin. Huwa qal li dawn temporanjament tneħħew minn fuq il-post u ried isir ukoll il-proġett tal-embellishment. Huwa qal li qed jikkordina mal-Periti responsabbli minn dan ix-xogħol.

4.8 Il-Kunsillier Caruana saqsa x' kien ser issir fuq il-proġett ta' Wesgħet il-Vittmi tal-Gwerra tat-traffic management. Is-Sindku qallu li l-ewwel irridu nistennew li jitlesta x-xogħol fuq barra biex inkunu nistgħu nippjanaw aħjar fuq ġewwa.

4.9 Il-Kunsilliera Massa saqsiet jekk kienx qed isir xi ħaġa fuq il-bus shelters. Is-Sindku semma li l-Faces Display kellhom kawża il-Qorti u għalhekk kien hemm ix-xogħol kollu wieqaf. Il-Kunsilliera Massa saqsiet jekk l-istage li hemm fil-Pjazza jiċċaqlaq għall Triq il-Ġdida. Is-Sindku qal li ma jaqbilx li dan jiċċaqlaq għax hemm ħafna li jagħmlu użu minnu.

4.10 Il-Kunsillier Aquilina saqsa jekk konniex irrispondejna għall email tas-Superjur tal-MUSEUM. Is-Segretarju qallu li din kien irrispondiha.

4.11 Il-Kunsillier Aquilina qal li kien hemm il-bankina fi Triq tal-Maħżnier li kien hemm bżonn tiġi irranġata. Is-Sindku qal li issa kif jgħaddu l-festi naraw x' hemm bżonn isir.

4.12 Il-Kunsillier Aquilina qal li fejn saru l-bollards fil-kantuniera tat-Tesor iridu jsiru faċċata tiegħu fejn hemm in-Nero's.

4.13 Il-Kunsillier Camilleri semma li fi Triq Wied in-Noqor kienu qed iħallu l-boroż taż-żibel fil-parti fejn hemm il-Housing Estate peress li kienet qed isir din it-Triq. Is-Sindku qal li hawn tista ssir skip oħra l-quddiem.

## 5. RESUME TAS-SENA

5.1 Bħas snin preċedenti s-Sindku ta' resumè tax-xogħol li kien sar matul is-sena. Huwa irrefera għall proġetti kapitali li kienu saru fosthom dak tal-water culverts fi Triq il-Karmnu u anki dak tar-resurfacing bil-konkos ta' Sqaq il-Karmnu, Nru 4. Barra x-xogħolijiet is-Sindku semma wkoll ix-xogħolijiet li saru fit-Toroq u l-kordinament li kien hemm ma' Infrastructure Malta.

5.2 Is-Sindku semma wkoll li l-Kunsill kien ġab il-permess biex isir ir-restawr tal-istatwa tal-Kunċizzjoni u anki kien inbeda x-xogħol fuq il-latrina ta' Triq Dun Pawl, li kien se jitkompla s-sena d-dieħla. Huwa semma li l-Kunsill kien applika għall diversi fondi tal-Unjoni Ewropeja biex ikun jista jagħmel aktar proġetti kapitali.

## 6. ATTIVITAJIET TAL-MILIED

6.1 Is-Sindku semma li l-ikla għall Kunsilliera kienet ser issir fit-22 ta' Diċembru ġewwa s-Seashells Resort.

## 8. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TAL-PAGAMENTI

9.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet fuq pagamenti

## 9. TMIEM TAL-LAQGĦA

10.1 Il-laqgħa ġiet fi tmiemha it-Tnejn 9 ta' Diċembru fis-6.30 pm. Kien hemm proposta l-ġurnata tas-16 jew is-17 ta' Jannar 2020 għall laqgħa li jmiss.

**John Schembri**
**SINDKU**

**Michael Portelli, BA (Hons), MA CHM, MBA**
**SEGRETARJU EŻEKUTTIV**